# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**(Sede Kostituzzjonali)**

## IMĦALLEF
## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM il-Ħamis, 17 ta' Diċembru, 2020**

**Kawża Numru 8 (Kost.)**

**Rik. Nru. 23/15JRM**

Jennifer **KOSTER**

vs

**KUMMISSARJU TAL-PULIZIJA** u l-Avukat Ġenerali, illum imsejjaħ l-Avukat tal-Istat

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq minn Jennifer Koster fis-27 ta' Frar, 2015, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, talbet li din il-Qorti issib li (i) fil-waqt meta ġiet arrestata u tul iż-żamma tagħha taħt arrest, ġarrbet ksur tal-jedd tagħha li ma tinżammx arrestata b'mod arbitrarju kif imħares taħt l-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta (aktar 'il quddiem imsejħa "il-Kostituzzjoni") u l-artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (aktar 'il quddiem imsejħa "il-Konvenzjoni"); (ii) waqt l-imsemmi arrest ġarrbet ksur

tal-jedd fundamentali tagħha għall-ħarsien mit-tortura u minn trattament jew piena degradanti jew inumana kif imħares taħt l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni. Talbet ukoll li l-Qorti tagħtiha dawk ir-rimedji effettivi u xierqa fiċ-ċirkostanzi;

Rat id-degriet tagħha tat-2 ta' Marzu, 2015, li bih qiegħdet il-kawża għas-smigħ u ordnat in-notifika lill-intimati;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimati tas-16 ta' Marzu, 2015, li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, laqgħu għall-azzjoni tar-rikorrenti billi qalu li, preliminarjament, l-Avukat Ġenerali mhux il-kontradittur leġittimu, għaldaqstant għandu jinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju. Fil-mertu, laqgħu billi qalu li l-ilment tagħha ta' ksur ta' jedd fundamentali għall-ħarsien mill-arrest jew żamma arbitrarja, kif ukoll ħarsien mill-projbizzjoni tat-tortura u l-għoti ta' trattament jew piena degradanti jew inumana ma huwa bl-ebda mod mistħoqq, la fil-fatt u lanqas fid-dritt, u din il-Qorti għandha tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjeż kontriha. Itennu li l-arrest sar fit-18 ta' Frar, 2015, u mhux fit-18 ta' Novembru, 2014, għaldaqstant kull xilja marbuta ma' dan il-jum hija nfondata u nsostenibbli. Illi l-arrest tar-rikorrenti kien awtorizzat mill-Qorti tal-Maġistrati meta awtorizzat il-ħruġ ta' arrest u tfittxija fuq suspett raġonevoli li kien qed isir traffikar tad-droga mis-sieħeb tar-rikorrenti u r-rikorrenti setgħet kienet kompliċi miegħu. Jiċħdu li xi membri tal-Korp tal-Pulizija aġixxew b'mod aggressiv jew b'mod sproporzjonat mar-rikorrenti u li, għall-kuntrarju, l-imġiba tagħhom kienet fil-qafas ta' dak li tipprovdi l-liġi. Jgħidu li x'ħin ir-rikorrenti kienet arrestata, ingħatawlha r-raġunijiet għaliex kienet se tittieħed l-isptar u minn jeddha, u wara li għażlet li ma tinqediex mill-għajnuna ta' avukat, awtorizzat lill-Pulizija biex joħduha l-isptar ħalli jsirulha l-aċċertamenti meħtieġa. Jiċħdu wkoll li r-rikorrenti ġiet soġġetta għal trattament inuman u jew degradanti;

Rat ix-xhieda tal-partijiet u l-provi dokumentali mressqa minnhom;

Rat id-degriet tas-17 ta' Marzu, 2015[1], li bih il-Qorti ħatret lill-Avukat Maria Dolores Gauċi bħala Assistant Ġudizzjarju biex tisma' l-provi tal-partijiet;

Rat il-verbal tas-smigħ tas-19 ta' Settembru, 2017[2], quddiem l-Assistant Ġudizzjarju, li biha ġie ddikjarat magħluq l-istadju tal-ġbir tal-provi u l-partijiet qablu dwar żmien biex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom dwar il-każ bil-miktub;

[1] Paġ. 17 tal-proċess
[2] Paġ. 276 tal-proċess

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-intimati tat-8 ta' Mejju, 2018[3];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tar-rikorrenti tat-22 ta' Mejju, 2018[4], bi tweġiba għal dik tal-intimati:

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija kawża ta' lment ta' ksur ta' jedd fundamentali għall- ħarsien mill-arrest jew żamma arbitrarja, kif ukoll ħarsien milli persuna tingħata tortura jew trattament jew piena degradanti jew inuman. Ir-rikorrenti tgħid li ġarrbet ksur tal-imsemmija jeddijiet tagħha billi ġiet arrestata u b'aġir sproporzjonat ittieħdet l-Isptar *Mater Dei* fejn saritilha tfittxija intima fuq il-persuna tagħha, u ntalbet toqgħod għal eżamijiet mediċi u għal aġir ieħor umiljanti u degradanti. Ittenni li wara sittax-il siegħa arrestata, nħelset billi rriżulta kollox fin-negattiv. Tgħid ukoll li meta ġiet arrestata, ma ġietx mgħarrfa bil-jeddijiet tagħha jew bir-raġunijiet għaliex kienet ser tittieħed l-Isptar. Ir-rikorrenti ssejjes l-ilment tagħha fuq id-disposizzjoni tal-artikoli 34 u 36 tal-Kostituzzjoni, u l-artikolu 3 u 5 tal-Konvenzjoni. Qiegħda titlob li din il-Qorti ssib li seħħ ksur tal-jeddijiet tagħha, u li tingħata rimedju effettiv u xieraq;

Illi għal din l-azzjoni, l-intimat Avukat tal-Istat laqa' billi qal li mhuwiex il-leġittimu kontradittur u għaldaqstant għandu jinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju. Fil-mertu, flimkien mal-intimat Kummissarju tal-Pulizija, laqgħu billi qalu li l-ilment tagħha ta' ksur ta' jedd fundamentali għall-ħarsien mill-arrest jew żamma arbitrarja, kif ukoll ħarsien mill-projbizzjoni tat-tortura u l-għoti ta' trattament jew piena degradanti jew inumana ma huwa bl-ebda mod mistħoqq, la fil-fatt u lanqas fid-dritt, u din il-Qorti għandha tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjeż kontriha. Itennu li l-arrest sar fit-18 ta' Frar, 2015, u mhux fit-18 ta' Novembru, 2014, għaldaqstant kull xilja marbuta ma' dan il-jum hija nfondata u nsostenibbli. Illi l-arrest tar-rikorrenti kien awtorizzat mill-Qorti tal-Maġistrati meta awtoriżżat il-ħruġ ta' arrest u tfittxija fuq suspett raġonevoli li kien qed isir traffikar tad-droga mis-sieħeb tar-rikorrenti u r-rikorrenti setgħet kienet kompliċi miegħu. Jiċħdu li xi membri tal-Korp tal-Pulizija aġixxew b'mod aggressiv jew b'mod sproporzjonat mar-rikorrenti u li, għall-kuntrarju, l-

[3] Paġġ. 281 sa 289 tal-proċess
[4] Paġġ. 291 sa 313 tal-proċess

imġiba tagħhom kienet fil-qafas ta' dak li tipprovdi l-liġi. Jgħidu li x'ħin ir-rikorrenti kienet arrestata, ingħatawlha r-raġunijiet għaliex kienet se tittieħed l-isptar u minn jeddha, u wara li għażlet li ma tinqediex mill-għajnuna ta' avukat, awtoriżżat lill-Pulizija biex joħduha l-isptar ħalli jsirulha l-aċċertamenti meħtieġa. Jiċħdu wkoll li r-rikorrenti ġiet soġġetta għal trattament inuman u jew degradanti;

Illi bħala fatti relevanti li joħorġu mill-atti tal-kawża jirriżulta li r-rikorrenti hija ta' nazzjonalità Olandiża, fejn hija tgħix, u tiġi Malta b'mod regolari, billi għandha relazzjoni ma' raġel Malti, Carmel Żammit. Fit-18 ta' Frar, 2015, hija waslet Malta bl-ajru mill-Ġermanja tard wara nofsinhar. Il-Pulizija kienu jafu bil-wasla tagħha f'Malta minħabba li, xi jiem qabel, waslilhom tagħrif li Żammit seta' kien imdaħħal fit-traffikar tad-droga u r-rikorrenti setgħet kienet kompliċi miegħu. Għal dan il-għan, il-Pulizija talbet u kisbet dakinhar stess, mingħand il-Qorti tal-Maġistrati (Malta), Mandat ta' Arrest u Tfittxija[5] sabiex tkun tista' taqdi dmirijietha dwar is-suspetti li kellha fuq l-imsemmi tagħrif[6];

Illi fuq is-saħħa ta' dak is-suspett, il-Pulizija (libsin ta' pajżana) segwew lir-rikorrenti u lil Żammit mill-ħin li ħarġu f'karozza mill-ajruport u waqqfuhom malli daħlu fiż-Żona Industrijali tal-Imrieħel (fil-limiti ta' Birkirkara). Jidher li, għall-bidu, Żammit irreżista l-ordnijiet tal-Pulizija għax qal li ma kienx jaf min huma, u jekk kinux tabilħaqq min qalu li kienu. Madankollu, wara xi ħin waqqaf il-karozza li kien qed isuq. Ir-rikorrenti u Żammit intalbu joħorġu mill-karozza sakemm il-Pulizija għamlu tfittxija fiha. Ir-rikorrenti tgħid li, hekk kif ħarġet mill-karozza, immanettjawha[7]. Fuq il-post dak il-ħin kien hemm madwar sitt uffiċjali tal-Pulizija, tnejn minnhom nisa[8]. Żammit u r-rikorrenti nżammu b'arrest;

Illi l-Pulizija tgħid li, minnufih mal-arrest, għarrfithom bir-raġuni dwar l-arrest u nqrawlhom il-jeddijiet tagħhom[9]. It-twissija lir-rikorrenti ngħatatilha bl-Ingliż[10], filwaqt li r-rikorrenti tgħid li kien biss wara li ġiet arrestata u ddaħħlet fil-karozza li hija saret taf bil-għan wara l-arrest. Qalulha li kellhom is-suspett li setgħet ġarret fuqha jew f'persunitha xi sustanza llegali ("*body packer*" jew "*drug mule*"), u dan mhux għaliex qalulha l-Pulizija minn rajhom iżda għaliex waslet għaliha mill-mistoqsijiet li għamlulha. Ir-rikorrenti ċaħdet mill-bidunett ix-xiljiet li nġabu kontriha, iżda xorta kkollaborat bis-sħiħ mal-Pulizija tul iż-żmien li damet arrestata. Fl-isptar, intalbet toqgħod għal *x-ray* tal-istonku, u billi fil-fehma tar-radjoloġista li qara r-riżultat kien hemm dubju dwar l-

[5] Dok "A", f'paġ. 142 tal-proċess
[6] Ara x-xhieda ta' l-Ispettur Nicolai Sant f'paġġ. 129 sa 131 tal-proċess
[7] Xhieda tagħha f'paġ. 22 tal-proċess
[8] Ibid paġġ. 133, 136 sa 139 tal-proċess
[9] Ibid paġ. 133 tal-proċess. Ara wkoll x-xhieda ta' WPC Therese Vella f'paġġ 152 sa 155, u 164 tal-proċess, ta' WPC Antonella Vella f'paġġ.185 – 6 tal-proċess, u ta' PC Joseph Campbell f'paġġ. 234 – 5 tal-proċess
[10] Ara x-xhieda ta' PS Oscar Baldacchino f'paġ.218 tal-proċess

interpretazzjoni tiegħu[11], ir-rikorrenti ntalbet toqgħod għal eżami intern u bit-teħid ta' porga biex tnaddaf l-imsaren. Jirriżulta, li fil-preżenza ta' uffiċjali tal-Pulizija nisa, ir-rikorrenti ġiet mitluba tfittex fil-ħmieġ tagħha stess għas-sustanza suspettata, iżda l-eżitu kien wieħed negattiv. Ir-rikorrenti tgħid li, għalkemm għall-ewwel irrifjutat l-assistenza ta' persuna legali, meta rat kif kienu sejrin l-affarijiet bidlet fehmitha, u hi stess talbet għal għajnuna ta' avukat, iżda qalulha li kien daħal il-ħin u ma kienx possibbli li jsir kuntatt dak il-ħin[12];

Illi l-għada (19 ta' Frar, 2015) il-konsulent tal-mediċina fit-Taqsima tal-Emerġenza, wara li ħa qies tar-riżultati u fuq parir li ngħata mill-konsultent radjoloġista, iċċertifika li s-suspett li kellhom il-Pulizija ma kienx minnu[13], u dak il-ħin il-Pulizija ħelsu lir-rikorrenti mill-arrest[14]. Ir-rikorrenti qalet li dakinhar ma kinitx l-ewwel darba li l-Pulizija żammewha malli waslet Malta, iżda kienet l-ewwel darba li ħaduha l-Isptar biex isiru l-aċċertamenti fuq il-persuna tagħha[15];

Illi jirriżulta li l-Pulizija arrestaw ukoll lil Carmel Żammit u saħansitra fittxewlu fi ħwejġu. Sabu tnax-il elf ewro (€12,000) ġo daru u ikkonfiskawhomlu, sakemm raddewhomlu lura wara li tahom prova ta' kif daħlu għandu. Żammit jgħid li kien wara li ġie arrestat li l-Pulizija għarrfuh bir-raġuni wara l-arrest meta wrewh il-mandat. Jikkonferma li ġie mgħarraf bid-dritt li jitlob l-għajnuna ta' avukat, iżda hu ma riedx[16];

Illi fis-27 ta' Frar, 2015, ir-rikorrenti fetħet din il-kawża;

Illi l-<u>kunsiderazzjoni ta' xejra legali</u> marbutin mal-każ tar-rikorrenti jitilqu mill-kwestjoni tal-jeddijiet fundamentali li hija tgħid li ġarrbet ksur tagħhom. Joħroġ ċar mill-att promotur tal-kawża li r-rikorrenti tibni l-każ tagħha fuq id-disposizzjonijiet tal-artikoli 34 u 36 tal-Kostituzzjoni, u l-artikoli 3 u 5 tal-Konvenzjoni. Hija tqis li kienet arrestata b'mod arbitrarju u li matul il-ħin li kienet hekk miżmuma, ingħatat trattament li regħexha u umiljaha;

Illi qabel kull ħaġa oħra, il-Qorti jidhrilha xieraq li tirrileva – ukoll minħabba li din il-ħaġa tqajmet mill-intimati fit-**tielet eċċezzjoni** tagħhom – li l-ġrajjiet li r-rikorrenti ressqet din il-kawża dwarhom ma seħħewx, kif tgħid fir-rikors promotur (u wkoll fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħha), f'Novembru tal-2014, imma fi Frar tal-2015. Filwaqt li ma tressqet l-ebda prova li dak li għaddiet minnu kien ġara f'Novembru tal-2014, il-provi dokumentali kollha juru li dak li tilmenta minnu r-rikorrent ġara fi Frar tas-sena ta' wara;

[11] Ara x-xhieda ta' Dr Andrey Yaravoy f'paġ. 123 tal-proċess u Dok "APS", f'paġ. 106 tal-proċess
[12] Ara x-xhieda tar-rikorrenti f'paġ. 20 sa 29 tal-proċess
[13] Ara x-xhieda ta' Dr Joseph Farrugia Agius u ta' Dr Kenneth Saliba f'paġġ. 47 – 8 u 62 – 3 tal-proċess. Ara wkoll Dok. "APS" f'paġġ. 80 sa 115 tal-proċess
[14] Ara x-xhieda ta' Nicholai Sant f'paġġ. 135 u 136 tal-proċess
[15] Xhieda tagħha f'paġġ. 29 u 31 tal-proċess
[16] Ara x-xhieda ta' Carmel Żammit f'paġ. 35 sa 37 tal-proċess u tal-Ispettur Nicolai Sant f'paġġ. 133 sa 134 tal-proċess

Illi l-Qorti sejra tibda biex tqis **l-ewwel eċċezzjoni preliminari** mressqa mill-intimat Avukat tal-Istat, li biha jgħid li ma kienx postu fil-kawża u li tħarrek għalxejn għaliex ma kien imdaħħal f'xejn minn dak li ġara fil-każ;

Illi, kif ingħad bosta drabi, l-kwestjoni ta' min għandu jwieġeb għal xilja ta' ksur ta' jedd fondamentali tintrabat sewwa mal-għamla tal-ksur ilmentat u wkoll mal-għamla ta' rimedju li jista' jingħata. Ilu żmien li l-Qrati tagħna għarfu din ir-rejaltà u għalhekk sawru d-distinzjonijiet meħtieġa applikabbli għall-biċċa l-kbira mill-każijiet. Għalhekk, illum il-ġurnata jingħarfu kategoriji differenti ta' persuni li jistgħu jitqiesu bħala leġittimi kuntradituri f'azzjonijiet kostituzzjonali. Dawn jinqasmu fi tliet kategoriji, jiġifieri (a) dawk li jridu jwieġbu direttament jew indirettament għall-għemil li jikser id-dritt fundamentali ta' persuna, (b) dawk li jridu jagħmlu tajjeb (billi jipprovdu r-rimedju xieraq) għan-nuqqasijiet jew l-egħmejjel li bihom ħaddieħor jikser xi jedd fundamentali ta' xiħadd, u (ċ) dawk il-partijiet kollha li jkunu f'kawża meta kwestjoni ta' xejra kostituzzjonali jew konvenzjonali tqum waqt is-smigħ ta' xi kawża f'qorti[17]. Ma' dawn, u dejjem jekk ikollhom interess fil-kawża, jistgħu jiddaħħlu persuni oħrajn bil-għan li jagħmlu sħiħ il-ġudizzju u jagħmluh rappreżentattiv ta' kull interess involut fil-kwestjoni;

Illi jekk wieħed iqis kif inhuma mfassla t-talbiet tar-rikorrenti f'din il-kawża, wieħed isib li, bi tħaddim ta' dak li jipprovdi l-artikolu 181B tal- Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili, m'għandux iwieġeb l-intimat Avukat tal-Istat. Ma ntweriex li ddaħħal jew indaħal fl-għoti ta' xi pariri jew fl-użu ta' xi diskrezzjoni dipartimentali li dwarha r-rikorrenti tgħid li ġarrbet xi ksur tal-jeddijiet tagħha. Lanqas ma huwa mistenni li l-intimat Avukat tal-Istat jagħti lir-rikorrenti xi rimedju minnha mitlub f'każ li l-Qorti ssib li xi wieħed mill-ilmenti tagħha huwa mistħoqq;

Illi, min-naħa l-oħra, joħroġ biċ-ċar mill-premessi li l-intimat Kummissarju tal-Pulizija kellu sehem attiv u mtenni fil-ġrajja li seħħew f'dawk il-waqtiet li għalihom tirreferi l-azzjoni tal-lum, u li dak is-sehem twettaq fil-kwalità tiegħu ta' kap ta' awtorità puublika, u għaldaqstant mhux f'xi kwalità privata. Ladarba dan huwa hekk, ma għandux ikun hemm diffikultà li l-imsemmi intimat jidher f'din il-kawża bħala rappreżentant u leġittimu kontradittur xieraq tal-pretensjonijiet attriċi fil-konfront tal-Istat Malti;

Illi għalhekk, l-eċċezzjoni preliminari hija tajba u sejra tintlaqa';

[17] Kost. **7.12.1990** fil-kawża fl-ismijiet ***Abela vs Onor. Prim Ministru et*** (Kollez. Vol: **LXXIV.i.261**); u Kost. **6.8.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Mary Vella et vs Kummissarju tal-Pulizija et***

Illi jmiss li l-Qorti tqis l-**ilmenti tar-rikorrenti fil-mertu** u tibda billi tara l-kwestjoni tal-**arrest jew detenzjoni arbitrarja**. Ir-rikorrenti tgħid li l-Pulizija ma kellha l-ebda suspett raġonevoli kontriha li setgħet twassalha biex iżżommha arrestata. Minbarra dan, iżżid tgħid li l-Pulizija naqsu li jgħarrfuha bil-fatt li kienet taħt arrest u r-raġunijiet tal-arrest, kif ukoll li naqsu li jinfurmawha bid-drittijiet li, bħala persuna arrestata, kellha jedd għalihom;

Illi l-intimati jgħidu li dan l-ilment mhux minnu. Jgħidu li l-arrest kien wieħed ġustifikat mhux biss għaliex il-Pulizija kellhom suspett raġonevoli iżda wkoll billi kellhom f'idejhom mandat ta' arrest u tfittxija maħruġ minn Maġistrat. Itennu li l-jeddijiet li joħorġu mil-liġi dwar persuna arrestata ingħatawlha kollha, u kienet hi li irrinunzjat għalihom, u kienet ir-rikorrenti nnifisha li tat il-kunsens tagħha biex saru l-eżamijiet fuq il-persuna tagħha;

Illi għal dak li jirrigwarda l-partijiet rilevanti għall-każ li għandna quddiemna, l-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni jipprovdi li:

"*(1) Ħadd ma għandu jiġi pprivat mil-libertà personali tiegħu ħlief kif jista' jkun awtorizzat b'liġi fil-każijiet li ġejjin: ....*
"*(d) fuq suspett raġonevoli li huwa jkun ikkommetta, jew ikun sejjer jikkommetti, reat kriminali; ...*"
"*(2) Kull min ikun arrestat jew detenut għandu jiġi informat, fil-ħin tal-arrest jew detenzjoni tiegħu, f'ilsien li huwa jifhem, bir-raġunijiet ta' l-arrest jew detenzjoni tiegħu, f'ilsien li huwa jifhem, bir-raġunijiet ta' l-arrest jew detenzjoni tiegħu:...*"

Illi għal dak li jirrigwarda l-partijiet rilevanti għall-każ li għandna quddiemna, l-artikolu 5 tal-Konvenzjoni jipprovdi li:

"(1) *Kulħadd għandu d-dritt għal-libertà u għas-sigurtà tal-persuna.*
*Ħadd ma għandu jiġi ipprivat mil-libertà tiegħu ħlief fil-każijiet li ġejjin u skond il-proċedura preskritta bil-liġi:*
*(ċ) l-arrest jew detenzjoni skond il-liġi ta' persuna effettwata sabiex tiġi miġjuba quddiem l-awtorità legali kompetenti fuq suspett raġonevoli li tkun ikkommettiet reat jew meta jkun meqjus raġonevolment meħtieġ biex jiġi evitat li tikkommetti reat jew li taħrab wara li tkun għamlet reat;*
"*(2) Kull min ikun arrestat għandu jiġi nfurmat minnufih, f'lingwa li jifhem, dwar ir-raġunijiet ta' l-arrest tiegħu u dwar kull akkuża kontra tiegħu....*
"*(5) Kull min ikun vittma ta' arrest jew detenzjoni bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' dan l-Artikolu jkollu dritt esegwibbli għal kumpens*";

Illi l-Qorti ser tgħaddi biex tara jekk kemm-il darba l-arrest tar-rikorrenti kienx tassew wieħed arbitrarju u jekk jiksirx xi waħda jew aktar miż-żewġ dispożizzjonijiet hawn fuq imsemmija li dwarhom hija ssejjes it-talba tagħha;

Illi l-jedd ta' ħelsien minn żamma arbitrarja huwa jedd fundamentali tal-bniedem li jgħodd għal kulħadd[18]. Huwa miżmum li biex arrest jitqies arbitrarju, irid ikun wieħed li jikser xi waħda minn dawk il-kwalitajiet li jagħmluh arrest legali. Biex arrest ikun wieħed legali, jeħtieġ li jkun wieħed li jaqa' taħt xi waħda mill-kategoriji speċifikati fil-Kostituzzjoni jew fil-Konvenzjoni, u li jkun ukoll skond "il-proċedura preskritta bil-liġi". F'dan ir-rigward, ingħad li dan ifisser li "*the deprivation of liberty must be imposed in conformity with the substantive and procedural rules of the applicable national law*[19]" u li ma jkunx wieħed imwettaq b'mod arbitrarju[20]. Iċ-ċirkostanzi li jissemmew kemm fil-Kostituzzjoni u kif ukoll fil-Konvenzjoni huma l-eċċezzjonijiet waħdanin u tassattivi li taħthom persuna tista' tiċċaħħad mill-ħelsien tagħha[21];

Illi l-każijiet maħsuba fl-artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni, ħlief għall-ewwel ċirkostanza, kollha japplikaw f'kuntest fejn ma jkunx għad hemm kundanna definittiva u fejn ir-raġunijiet maħsuba għaċ-ċaħda tal-libertà tal-persuna huma kollha "kawtelatorji" għal xi għan jew ieħor marbut mal-ordni pubbliku. Għalhekk ingħad li dawk iċ-ċirkostanzi għandhom jingħataw tifsira ristretta għall-aħħar u m'għandhom bl-ebda mod jitwessgħu b'tiġbid jew b'analoġija, għaliex ilkoll jimmilitaw kontra l-prinċipju li l-bniedem huwa meqjus innoċenti sakemm ma jkunx instab ħati[22], u kif ukoll tal-prinċipju konvenzjonali ewlieni li l-ħelsien tal-bniedem jirbaħ fuq kollox;

Illi f'dan ir-rigward ingħad ukoll li "*compliance with national law is not, however, sufficient: Article 5§1 requires in addition that any deprivation of liberty should be in keeping with the purpose of protecting the individual from arbitrariness. It is a fundamental principle that no detention which is arbitrary can be compatible with Article 5§1 and the notion of 'arbitrariness' in Article 5§1 extends beyond a lack of conformity with national law, so that a deprivation of liberty may be lawful in terms of domestic law but still arbitrary and contrary to the Convention*"[23];

Illi ż-żewġ testi, kemm dak tal-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni u kemm dak tal-artikolu 5 tal-Konvenzjoni (li għandhom xebh kbir bejniethom) jisħqu dwar il-legalità tal-arrest jew żamma, ukoll f'dawk iċ-ċirkostanzi tassativi li jitqiesu

[18] Q.E.D.B. (GC) **12.9.2012** fil-kawża fl-ismijiet ***Nada vs Svizzera*** (Applik. Nru. 10593/08) § 224
[19] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak *Theory & Practice of the European Convention on Human Rights* (4th. Edit, 2006), pġ. 463
[20] *Op. cit.* pġ. § 9.4.7 f'pġ 481
[21] Q.E.D.B. **1.7.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Giulia Manzoni vs Italja*** (Applik. Nru. 19218/91) § 25
[22] Art. 34(3) tal-Kostituzzjoni u art. 6(2) tal-Konvenzjoni
[23] Q.E.D.B. **23.7.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Aden Ahmed vs Malta*** (Applik. Nru. 55352/12) § 141

bħala l-eċċezzjoni għar-regola. Din il-legalità hija marbuta mal-eżistenza ta' dispożizzjoni fil-liġi li tippermetti arrest jew żamma bħal dik. Għalhekk, fil-fehma ta' din il-Qorti, l-ewwel kriterju li għandu jiġi sodisfatt hu dak li jkun hemm dispożizzjoni espressa tal-liġi li tkopri sitwazzjoni bħal dik;

Illi fil-liġi tagħna, s-setgħat tal-Pulizija li tarresta persuna huma maħsubin u regolati, fost l-oħrajn, fil-Kodiċi Kriminali stess[24]. Iż-żewġ testi jitkellmu wkoll dwar il-ħtieġa ta' suspett raġonevoli biex isaħħaħ arrest jew żamma f'ċirkostanzi bħal dawk. Dwar din il-frażi, ingħad u ġie mgħallem ħafna matul is-snin, l-iżjed għaliex il-biċċa l-kbira tal-ilmenti li jitressqu dwar il-ksur ta' dan il-jedd fondamentali jduru fuq jekk is-suspett kienx wieħed raġonevoli jew le. Il-kriterju tar-raġonevolezza, għalkemm b'elementi soġġettivi, għandu jkun wieħed oġġettiv[25];

Illi, f'dan ir-rigward, fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha jidher li dan huwa s-sies tal-ilment tar-rikorrenti. Fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħha[26], ir-rikorrenti tgħid espressament li "l-Pulizija ma kellhiex awtorità li tarrestaha peress li din ma kellhiex suspett raġjonevoli li hija ikkommettiet jew kienet sejra tikkommetti reat kriminali";

Illi dwar liema hija l-għamla ta' suspett li jitqies raġonevoli huwa mgħallem li dan ifisser li huwa meħtieġ li jkun hemm il-bidu ta' provi ċari li jqanqlu f'dak li jkun konvinċiment morali li hija l-persuna suspettata u mhux ħaddieħor li għandu rabta mar-reat imwettaq jew li sejjer jitwettaq[27], u dan kif kienu jidhru ċ-ċirkostanzi fil-waqt tal-arrest jew taż-żamma. Mhux hekk biss, imma jeħtieġ li tali suspett raġonevoli jibqa' jseħħ f'kull waqt li l-persuna tkun arrestata[28]. Malli jintemm is-suspett raġonevoli, jew malli jaqbeż iż-żmien raġonevoli li jiġġustifikah[29], minnufih irid jintemm l-arrest jew iż-żamma[30]. Madankollu, mhuwiex mistenni li fil-waqt tal-arrest, il-Pulizija jkollha diġà provi w xhieda biżżejjed biex bihom tista' minn dak il-ħin tressaq b'arrest lill-persuna suspettata. Filwaqt li l-fatt li persuna li nżammet arrestata li, madankollu, aktar 'il quddiem tinħeles minn qorti b'deċiżjoni ġudizzjarja, ma tistax tilminta minn arrest illegali retrospettiv minħabba dak il-ħelsien[31];

Illi madankollu huwa mfisser ukoll li, għall-finijiet tal-artikolu 5(1)(ċ) tal-Konvenzjoni, minbarra l-ħtieġa ta' suspett raġonevoli fil-persuna arrestata jew miżmuma f'kull waqt tal-arrest jew taż-żamma tagħha, jeħtieġ jintwera wkoll li

---

[24] Ara artt. 355V u 355X tal-Kap 9 fost oħrajn (fil-każ tal-Mandat maħruġ mill-Qorti tal-Maġistrati f'dan il-każ jissemmew l-artt. 355H, 355J, 355L, 355P, 355V u 355AG tal-Kap 9)

[25] Ara Kost. **5.4.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et*** (Kollez. Vol: **LXXV.i.106**); u Kost. **14.12.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Azzopardi vs Kummissarju tal-Pulizija et*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.i.256**) u l-ġurisprudenza hemm imsemmija

[26] Paġ. 293 tal-proċess

[27] Ara. P.A.( Kost). **8.4.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Mifsud vs Kummissarju tal-:Pulizija et*** (Kollez. Vol: **LXXII**)

[28] Ara App. Kost. **9.4.1973** fil-kawża fl-ismijiet ***Cecil Paċe vs Onor. Dom Mintoff et*** (mhix pubblikata)

[29] Ara. Q.E.D.B. **27.6.1968** fil-kawża ***Wemhoff vs Repubblika Federali tal-Ġermanja*** (Applik. Nru 2122/64), §5; u Kost. **29.3.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Calleja vs Avukat Ġenerali et*** (Kollez. Vol: **LXXXIV.i.25**)

[30] Ara App. Kost. **7.3.1990** fil-kawża fl-ismijiet ***Mifsud vs Kummissarju tal-:Pulizija et*** (Kollez. Vol: **LXXIV.i.37**)

[31] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak *op. cit.*, pġ. 473

ċ-ċirkostanzi kienu tali li jiġġustifikaw iċ-ċaħda tal-liberta' personali tas-suspettat. Għaliex l-arrest jew iż-żamma huma biss ġustifikati jekk kemm-il darba jkunu pre-ordinati jew meħtieġa biex il-persuna suspettata titressaq quddiem l-awtorita` ġudizzjarja kompetenti u tinxela bl-akkuża addebitata lilha[32]. Tali raġonevolezza tissarraf fl-istħarriġ b'bona fidi min-naħa tal-Pulizija, ukoll jekk sa dak il-waqt l-eżistenza jew in-natura tar-reat ma jkunux għadhom magħrufa fiċ-ċert[33];

Illi mill-eżami tal-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża, jirriżulta li l-Pulizija kellha raġunijiet tajbin biżżejjed biex iżżomm lir-rikorrenti taħt arrest. Għall-kuntrarju ta' dak li tissottometti r-rikorrenti, kien hemm elementi mad-daqqa t'għajn li kienu jippuntaw lejha u lejn is-sieħeb tagħha, Carmel Żammit. Jirriżulta li l-Pulizija kienet irċeviet informazzjoni li Żammit seta' kien imdaħħal fit-traffikar ta' droga u li kompliċi miegħu kien hemm ir-rikorrenti. Il-fatt li r-rikorrenti kienet ġejja minn pajjiż magħruf mal-Pulizija kompla jsaħħaħ is-suspett fiha. Bl-istess mod, il-fatt li meta waslet Malta, Żammit qabad rotta fis-sewqan għal post mwarrab, bħal ma hija żona industrijali (minflok ħa r-rotta l-aktar mistennija biex jiġbed lejn id-dar fejn kien jgħix), qanqal suspett fil-Pulizija li hu u r-rikorrenti setgħu kienu ser jiltaqgħu ma' terzi u jeħilsu minn xi sustanza li kienet imfittxija. Fil-fehma tal-Qorti, iċ-ċirkustanzi kienu qed jippuntaw lejn elementi determinanti li jsejsu suspett raġonevoli. Tqis ukoll bħala siewi l-mod li bih il-Pulizija, malli kisbet it-tagħrif u għamlet it-tfittxijiet tagħha, irriferiet mill-ewwel lill-Maġistrat tal-Għassa u kisbet il-ħruġ tal-Mandat ta' Arrest u Tfittxija;

Illi jirriżulta wkoll li ż-żamma tar-rikorrenti taħt arrest min-naħa tal-Pulizija kienet għal żmien aqsar mit-tmienja u erbgħin (48) siegħa li tippreskrivi d-dispożizzjoni relattiva tal-Kostituzzjoni u d-dispożizzjonijiet l-oħrajn rilevanti tal-Kodiċi Kriminali, kif ukoll li l-waqt li r-rikorrenti ġiet ċertifikata mill-esperti mediċi li s-suspett li kellhom ma kienx fondat, ma kienx hemm tnikkir min-naħa tal-Pulizija u r-rikorrenti nħelset mill-arrest;

Illi dwar it-tieni parti tal-ilment tar-rikorrenti dwar il-ksur ta' dan il-jedd – jiġifieri, n-nuqqas ta' għoti ta' tagħrif dwar l-arrest u dwar x'wassal għall-arrest tagħha, u n-nuqqas li tkun mgħarrfa bil-jeddijiet li kellha bħala persuna arrestata – huwa miżmum li "*Article 5§2 contains the elementary safeguard that any person arrested should know why he is being deprived of his liberty. This provision is an integral part of the scheme of protection afforded by Article 5: by virtue of paragraph 2 any person arrested must be told, in simple, non-technical language that he can understand, the essential legal and factual grounds for his arrest, so as to be able, if he sees fit, to apply to a court to*

[32] Ara App. Kost. **31.7.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Attard vs Kummissarju tal-Pulizija*** (Kollez. Vol: **LXXXII.i.99**)
[33] K Reid *A Practitioner's Guide to the European Convention on Huma Rights* (3rd. Edit, 2007) §IIB-031, pġ. 233

*challenge its lawfulness in accordance with Article 5§4. Whilst this information must be conveyed 'promptly' (in French: 'dans le plus court delai'), it need not be related in its entirety by the arresting officer at the very moment of the arrest. Whether the content and promptness of the information conveyed were sufficient is to be assessed in each case according to its special features. It also reiterates that paragraph 2 of Article 5, like paragraph 4, is applicable both to persons deprived of their liberty by arrest and to those deprived of it by detention*"[34];

Illi, fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, jispikka l-kuntrast fix-xhieda mogħtija miż-żewġ partijiet. Min-naħa l-waħda, ir-rikorrenti u s-sieħeb tagħha jgħidu li r-rikorrenti ġiet arrestata fil-għama, mingħajr ma kienet taf għaliex u li saħansitra ġiet imċaħħda mill-jeddijiet bażiċi mistennija minn persuna arrestata. Min-naħa l-oħra, il-Pulizija jixhdu l-kontra, u jgħidu li r-rikorrenti ngħatat kull tagħrif mitlub mil-liġi lil persuna arrestata f'ilsien li setgħet tifhmu. Jgħidu wkoll li r-rikorrenti tant fehmet dawk ir-raġunijiet u t-twissijiet li ngħatawlha li hija offriet bla reżistenza li jsirilha kulma dehrilhom li kellu jsir meta ħaduha l-Isptar;

Illi fiċ-ċirkustanzi, il-Qorti, ma tistax twarrab ix-xhieda repettitiva mogħtija mill-membri tal-Pulizija li kienu preżenti fil-ħin li sar l-arrest jew dawk li kienu qed jikkumpanjaw lir-rikorrenti fil-vettura fi triqithom lejn l-isptar, li lkoll jixhdu kif huma personali taw lir-rikorrenti t-twissija mitluba mill-liġi jew semgħu lil ħaddieħor jagħtiha. Tqis ukoll l-ammissjoni tar-rikorrenti li minn jeddha rrifjutat li tikkonsulta ma' persuna legali, anke jekk aktar tard reġa' bdielha u talbitha, iżda minħabba s-sigħat bikrija, ma sarx kuntatt ma' avukat;
Illi fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkostanzi, il-Qorti tasal għall-fehma li r-rikorrenti ma rnexxilhiex tipprova li tabilħaqq ma kinetx mgħarrfa biżżejjed bir-raġuni li għaliha kienet miżmuma arrestata jew li l-Pulizija ċaħħduha mill-jedd tagħha ta' għajnuna minn avukat;

Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti ma ssibx li r-rikorrenti seħħilha tagħti raġunijiet tajbin biex minnhom jirriżulta li ġarrbet ksur tal-jedd tagħha taħt l-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni, u l-artikolu 5 tal-Konvenzjoni. Għalhekk, il-Qorti tasal għall-fehma li l-ewwel talba attriċi ma jistħoqqilhiex tintlaqa';

Illi għal dak li jirrigwarda l-**ilment tar-rikorrenti dwar it-trattament inuman jew degradanti** li ġarrbet minn idejn l-intimati jew min minnhom, jidher ċar, mis-sottomissjonijiet imressqa, li dan l-ilment jirreferi għal ħin li r-rikorrenti qattgħet l-Isptar sakemm sarulha t-testijiet meħtieġa u kif kienet taħt arrest. Ir-rikorrenti tilmenta mill-umiljazzjoni li ġarrbet billi ma ġietx emmnuta u,

[34] Q.E.D.B. **23.7.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Suso Musa vs Malta*** (Applik. Nru. 42337/12) § 113

minflok, kellha tgħaddi minn proċess ta' aċċertament imtenni magħmul minn eżami fiżiku minn tobba ta' sess maskil, fil-preżenza ta' terzi, u saħansitra ntalbet tfittex fil-ħmieġ tagħha stess;

Illi, min-naħa l-oħra, l-intimati jgħidu li għalkemm it-testijiet setgħu invadew il-privatezza tar-rikorrenti, ma jistax jitwarrab il-qafas li fih intalbu u ttieħdu: dak li l-Pulizija kellhom suspett li r-rikorrenti kienet ikkommettiet reat;

Illi r-rikorrenti ssejjes dan l-ilment tagħha kemm fuq dak li jgħid l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u kif ukoll dak li jipprovdi l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni. F'dawn iċ-ċirkostanzi, il-Qorti sejra tqis l-ilment tar-rikorrent taħt l-aspett tal-imsemmija żewġ artikoli flimkien, u tqishom fil-qafas taċ-ċirkostanzi fattwali li joħorġu mill-provi mressqin mill-partijiet;

Illi l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni jgħid li: "*(1) Ħadd ma għandu jkun assoġġettat għal piena jew trattament inuman jew degradanti. (2) Ebda ħaġa li hemm fi jew magħmula skond l-awtorità ta' xi liġi ma titqies li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur ta' dan l-artikolu safejn il-liġi in kwestjoni tawtorizża l-għoti ta' xi deskrizzjoni ta' piena li kienet legali f'Malta minnufih qabel il-ġurnata stabilita. ...*".

Min-naħa l-oħra, l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni jgħid li: "*Ħadd ma għandu jkun assoġġettat għal tortura jew għal trattament jew piena inumana jew degradanti*";

Illi xieraq jingħad li l-imsemmija dispożizzjonijiet jinqdew bi kliem li juri li l-projbizzjoni li xiħadd jittratta lil xiħadd ieħor b'mod inuman jew degradanti hija waħda assoluta (hija mfissra bħala "*an unqualified prohibition*"[35]) u li ma tħallix eċċezzjonijiet jew tiġbid[36]. Huma dispożizzjonijiet li jitfgħu fuq l-Istat ukoll obbligazzjoni pożittiva li jaraw li l-jedd jitħares u mhux biss waħda fejn l-Istat jirrimedja wara li jkun hemm ksur tiegħu. Huwa wkoll minħabba f'hekk li huwa mistenni li l-imġiba li minnha wieħed jilminta trid tkun ta' qawwa jew qilla ta' ċerta gravità u li tkun ippruvata fi grad għoli daqskemm xieraq skond in-natura tal-proċediment li jkun;

Illi huwa aċċettat ukoll li t-'tortura', it-'trattament inuman' u t-'trattament li jbaxxi' 'l dak li jkun huma kunċetti li jirkbu fuq xulxin u mhumiex maqtugħin għal kollox minn xulxin, ladarba huma mġiba mhux xierqa fuq xiħadd li hija differenti minħabba l-grad ta' severità li tintuża, b'tal-ewwel tikkostitwixxi l-għamla l-aktar ħarxa ta' mġiba u tal-aħħar l-għamla l-inqas kiefra;

---

[35] Cfr R. Gordon, T Ward & T Eicke *The Strasbourg Case Law: Leading Cases from the European Human Rights Reports* (Sweet & Maxwell 2001) f'paġ. 117
[36] Kemm hu hekk, ara art. 15 tal-Konvenzjoni

Illi kemm dan huwa tabilħaqq hekk, bil-kliem "trattament degradanti" wieħed jifhem "*treatment that humiliates or debases ... Degrading treatment in the sense of article 3 is conduct that 'grossly humiliates', although causing less suffering than torture. The question is whether a person of the applicant's sex, age, health, etc., of normal sensibilities would be grossly humiliated in all the circumstances of the case.*"[37] Hemm differenza wkoll bejn trattament inuman u trattament degradanti. Kull trattament inuman huwa minnu nnifsu wieħed ukoll degradanti, iżda mhux kull trattament degradanti jsir trattament inuman[38], liema trattament "*covers at least such treatment as deliberately causes severe mental and physical suffering*"[39];

Illi mġiba li twassal lil persuna biex tagħmel xi ħaġa kontra r-rieda jew kontra l-kuxjenza tagħha tista' wkoll titqies bħala trattament degradanti. F'xi każijiet tqies li, flimkien ma' dawn il-kriterji, jkun irid jintwera wkoll li min ikun wettaq l-għemil degradanti jkun għamel dan bil-fehma jew l-intenzjoni li jżeblaħ, iċekken jew jumilja 'l vittma, imma jidher li jkun iżjed għaqli li wieħed iqis it-trattament li jkun ingħata fiċ-ċirkostanzi konkreti tal-persuna li tkun għaddiet minn dak it-trattament u tal-każ li fih ikun iġġarrab[40], għalkemm ma tiddependix lanqas għal kollox fuq dak li suġġettivament tħoss il-persuna mġarrba[41];

Illi biex iseħħ ksur tal-artikolu 3, it-trattament degradanti jrid jintwera li "*gravement ibaxxi lil dak li jkun quddiem ħaddieħor .... u jidher li llum hu ġeneralment aċċettat li biex trattament determinat jaqa' taħt il-komminazzjonijiet tad-dispożizzjonijiet fuq ċitati*[42]*, jeħtieġ ċertu grad ta' gravità*"[43], li mingħajru ma jkunx jista' jingħad li seħħ ksur ta' dak il-jedd[44]. Għalhekk, biex trattament jitqies li jkun degradanti, irid jintwera li jmur lil hinn minn sempliċi inkonvenjenza jew disaġju[45];

Illi b'żieda ma' dan, huwa miżmum ukoll li minħabba li 'trattament degradanti u inuman' huma konċetti astratti, biex tassew jista' jingħad li seħħew iridu "jikkonkretiżżaw neċessarjament f'xi fatt jew fatti materjali" li jkunu ta' ċerta gravità[46] li jitkejlu fuq l-effett li tali trattament ħalla fuq il-persuna li kienet suġġetta għalih[47]. Minbarra dan, jista' jkun il-każ li l-qies dwar jekk imġiba partikolari tkunx waħda li ġġibx ksur tal-imsemmi jedd irid ikun "*judged by the*

[37] Harris, O'Boyle & Warbrick *Law of the European Convention of Human Rights*, paġġ. 80 - 1
[38] Kost. **19.2.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Meinrad Calleja vs Kummissarju tal-Pulizija et***
[39] K Reid *op cit* §IIB – 416, paġ. 575
[40] Kost. **6.12.1989** fil-kawża fl-ismijiet ***Fenech vs Kummissarju tal-Pulizija*** (Kollez. Vol: **LXXIII.i.239**)
[41] P.A. (Kost.) TM **19.10.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Lawrence Gatt vs L-Onor. Prim Ministru et*** (konfermata fil-Qorti Kostituzzjonali fit-**12.2.2008**)
[42] F'dan il-każ, jiġifieri l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni
[43] Kost. **20.7.1977** fil-kawża fl-ismijiet ***Ġużeppa Galea vs Segretarju tad-Djar et*** (Deċ. Kost. II, Għ.S.L., paġ. 549)
[44] Q.E.D.B. **6.10.2015** fil-kawża fl-ismijiet ***Lecomte vs Ġermanja*** (Applik. Nru. 80442/12) §§ 91 – 2
[45] Kost. **18.11.1989** fil-kawża fl-ismijiet ***Testa vs Attard noe et*** (Kollez. Vol: **LXXIII.i.185)**
[46] Kost. **8.5.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Bonello vs Onor. Prim Ministru et*** (Kollez. Vol; **LXXXV.i.1**)
[47] Kost. **5.4.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et*** (Kollez. Vol: **LXXV.i.106**)

*circumstances of the case and the prevalent views of the time .. .. It is clear that the answer to the question whether Article 3 has been violated, although depending on all the circumstances of the case, including such factors as the mental effects on the person concerned, is not entirely dependent on his subjective appreciations and feelings*"[48];

Illi għal dak li jirrigwarda l-piż tal-prova ta' ksur tal-artikolu 3, jidher li jaqa' fuq min jilminta mill-ksur tal-imsemmi jedd li jressaq prova lil hinn mid-dubju raġonevoli li tabilħaqq ikun seħħ ksur ta' l-imsemmi artikolu[49]. Irid jingħad li din mhijiex fehma li magħha jaqbel kulħadd[50]. Iżda "*such proof may follow from the coexistence of sufficiently strong, clear and concordant inferences or of similar unrebutted presumptions of fact. The conduct of the parties when evidence is being obtained has to be taken into account*"[51];

Illi l-qies ta' jekk trattament jaqax fil-parametri tal-artikolu 3 irid isir b'riferenza għaċ-ċirkostanzi kollha tal-każ li jkun fil-qafas tiegħu, magħduda l-mod ta' kif jingħata, it-tul tiegħu, l-effetti fiżiċi u morali li jħallu fuq il-persuna hekk trattata, u ċirkostanzi oħrajn bħas-sess, l-età u s-saħħa tal-vittma. Trattament jitqies bħala inuman meta tal-anqas iġib fuq il-vittma tbatija fiżika jew psikika "intensa" mqar jekk mhux akkompanjata bi ġrieħi li jidhru fuq il-ġisem, u jekk "*iqajjem f'dak li jkun sentimenti ta' biża', angoxxia u sens ta' inferjorità li jumiljaw u jiddenigraw lil dak li jkun saħansitra sakemm possibilment jabbattu r-reżistenza fiżika jew morali tiegħu*"[52]. L-istħarriġ li trid tagħmel il-Qorti dwar jekk it-trattament mogħti jiksirx l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni (jew l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni) huwa marbut maż-żmien li l-każ ikun qiegħed quddiemha biex tqis l-ilment[53];

Illi l-Qorti ta' Strasbourg semmiet u senslet ukoll prinċipji dwar il-qies ta' trattament inuman jew degradanti jew ta' tortura f'kawżi li tressqu quddiemha kontra Malta, kemm fejn jolqtu l-kundizzjonijiet ta' persuni miżmuma f'faċilità korrettiva[54] u kif ukoll fil-każ ta' immigranti jew rifuġjati matul iż-żamma tagħhom f'Malta[55];

Illi mill-provi mressqin f'dan il-każ, ir-rikorrent tfisser x'kellha tgħaddi minnu sakemm damet l-Isptar, u x'intalbet tagħmel biex setgħet turi li ma kellha l-ebda ħtija f'dak li l-Pulizija issusspettaw fiha. Il-Qorti qieset ukoll ix-xhieda

---

[48] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak *op cit* § 7.3, f'paġġ.412 u 415
[49] Q.E.D.B. **13.6.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Anguelova vs Bulgarija*** (Applik. Nru. 38361/97) § 111
[50] Ara M. Schiavone (Ed.) *When Judges Dissent* (2008), f'paġġ. 241 – 3
[51] Q.E.D.B. **12.4.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Shamaiev et vs Ġorġja u Russja*** (Applik. Nru. 36378/02) § 338
[52] Kost. **31.10.2014** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Caruana vs Id-Direttur tal-Ħabs et***
[53] Kost. **22.2.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Dilek Sahan et vs Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern et***
[54] Q.E.D.B. **29.10.2015** fil-kawża fl-ismijiet ***Story et vs Malta*** (Applik. Nru. 56854/13) §§ 104 – 6, 115, 119 – 121 u 126
[55] Q.E.D.B. **29** Q.E.D.B. **26.11.2015** fil-kawża fl-ismijiet ***Mahamed Jama vs Malta*** (Applik. Nru. 10290/13) §§ 26 – 9; Q.E.D.B. **12.1.2016** fil-kawża fl-ismijiet ***Moxamed Ismaaciil et vs Malta*** (Applik. Nru. 52160/13) §§ 78 – 83; u Q.E.D.B. **22.11.2016** fil-kawża fl-ismijiet ***Abdullah Elmi et vs Malta*** (Applik. Nru. 25794/13) §§ 99 – 110 **.10.2015** fil-kawża fl-ismijiet ***Story et vs Malta*** (Applik. Nru. 56854/13) §§ 104 – 6, 115, 119 – 121 u 126

mogħtija mill-Konsulent tal-Mediċina fit-Taqsima tal-Emerġenza u l-Konsulent Radjoloġista, li fil-fehma tagħhom l-*x-rays* li ttieħdu tar-rikorrenti kienu juru biċ-ċar li r-rikorrenti ma kellhiex ħwejjeġ barranija moħbija fil-parti ġenitali tagħha jew fl-istonku u li r-rapport kien infondat[56], frott ta' biża jew prekawzjoni żejda min-naħa tal-uffiċjali tal-Isptar fil-mument meta ttieħed;

Illi meta l-Qorti tqis il-kunsiderazzjonijiet li saru aktar qabel, issib li ma hemm l-ebda dubju li, f'xi ħinijiet minnhom, dak li għaddiet minnu kien iwassal biex tħossha imbarazzata. Il-Qorti ma ngħatat l-ebda tagħrif dwar l-arranġamenti, pratiċi jew protokolli li jitħaddmu f'każijiet bħal dawn meta persuna tittieħed l-Isptar biex isirulha l-aċċertamenti ħalli jiddeterminaw jekk ikollhiex xi sustanzi perikolużi moħbijin f'xi parti ta' ġisimha. Ma jidhrilhiex li eżami jew aċċertament minn tabib tal-ġeneru differenti mill-persuna mistħarrġa jikkostitwixxi xi trattament inuman jew degradanti. Madankollu, ħareġ ċar li persuna fil-qagħda li kienet tinsab fiha r-rikorrenti waqt l-arrest tagħha, tibqa' l-ħin kollu taħt l-għassa tal-uffiċjali tal-Pulizija li jkunu skorta magħha. Intwera li, f'dawn iċ-ċirkostanzi (sa mill-bidu tal-arrest tagħha), ir-rikorrenti kienet miżmuma u sorveljata minn uffiċjali nisa tal-Korp, imma dawn ukoll xehdu kif ma kinux iħalluha waħedha, għal raġunijiet li wieħed jista' jifhimhom, ladarba kienet suspettata li seta' kellha xi sustanzi moħbija fil-persuna tagħha u ma ridux jagħtuha l-opportunità li tiddisponi minnhom jew tarmihom. Il-Qorti tinnota wkoll li l-istess uffiċjali tal-Korp setgħu ħassewhom imbarazzati b'dak li kien għaddej, l-iżjed meta rriżulta li fil-kamra tal-banju li fiha ddaħħlet ir-rikorrenti wara li ngħatat il-porga, ma kienx hemm ingwanti iġeniċi biex issir it-tfittxija (li r-rikorrenti tqabbdet tagħmel) fil-ħmieġ tagħha u kellhom jinqdew bi fradal tal-plastika li jintużaw mill-fattigi jew *carers* biex iservu minflok ingwanti;

Illi f'dan ir-rigward il-Qorti tagħraf li jekk kien hemm waqtiet li fihom ir-rikorrenti tqiegħdet f'qagħda degradanti, dan ma kien jaħti għalih l-ebda wieħed mill-intimati u lil min jirrappreżentaw. Il-fatt li r-rapport tar-radjologu dwar x'ħareġ mill-*x-ray* seta' kien kawt iżżejjed biex jeskludi (minn dak li ra) li r-rikorrenti ma kellha xejn moħbi f'ġisimha u li wassal biex ir-rikorrenti għaddiet minn proċess ta' aċċertamenti mod ieħor, ma jitnissel minn ebda għemil jew omissjoni li jrid iwieġeb għalihom il-Kummissarju intimat; l-istess jingħad għan-nuqqasijiet rilevati aktar qabel f'dak li jirrigwarda d-disponibilità ta' faċilitajiet sanitarji biex dak li jkun jista' jinqeda bla ma jkollu jesponi lilu nnifsu għal periklu ta' tinġis. Iċ-ċirkostanzi li kienet tinsab fihom ir-rikorrenti waqt li kienet arrestata ma kinux taħt il-kontroll tal-Kummissarju intimat, imma ta' struttura attrezzata li titmexxa minn awtorità oħra li ma hijiex parti f'din il-kawża;

[56] Ara x-xhieda ta' Dr Joseph Farruġia Aġius f'paġ. 47 tal-proċess

Illi dan iwassal lill-Qorti għall-fehma li ma tistax tilqa' t-tieni talba tar-rikorrenti fil-konfront ta' ebda wieħed mill-intimati fil-kawża li għandha quddiemha;

Illi minħabba dak li ngħad aktar qabel f'din is-sentenza, isegwi li t-tielet talba lanqas tista' tintlaqa' ladarba timxi mat-talbiet ta' qabilha u li din il-Qorti sabet li ma jistħoqqilhomx jintlaqgħu;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-intimati** billi ssib li l-intimat Avukat tal-Istat mhuwiex il-kontradittur leġittimu tal-pretensjonijiet tar-rikorrenti u għalhekk qiegħda teħilsu milli jibqa' fil-kawża;

**Tiċħad l-ewwel talba** tar-rikorrenti billi ma jirriżultax li ġarrbet ksur tal-jedd fundamentali tagħha dwar arrest arbitrarju jew illegali, kemm taħt l-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni u kif ukoll taħt l-artikolu 5 tal-Konvenzjoni;

**Tiċħad it-tieni talba tar-rikorrenti** billi ma ippruvat bl-ebda mof li l-intimat Kummissarju tal-Pulizija jaħti li taha trattament degradanti jew inuman kemm taħt l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u kif ukoll taħt l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni;

**Tasjeni milli tqis it-tielet talba attriċi** billi din hija konsegwenzjali għat-talbiet ta' qabilha; u

Fiċ-ċirkostanzi tqis li **l-ispejjeż** għandhom jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**17 ta' Diċembru, 2020**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Reġistratur**

**17 ta' Diċembru, 2020**